MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 727/2007

**MIDDLESEA INSURANCE p.l.c. (C5553)**

vs

**EXPRESS TRAILERS LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija Express Trailers Limited fl-4 ta’ Lulju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi jew, f’każ li dan ikun diġa’ seħħ sa ma jinstema’ r-rikors, li tawtorizza li l-garanzija bankarja li ressqet biex ikun jista’ jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun tintradd lura lilha; (ii) f’każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel talba, li ssib li kien hemm garanzija oħra xierqa għall-pretensjonijiet tal-intimata esekutanti tali li l-Mandat seta’ jitħassar xorta waħda jew li l-garanzija bankarja tintradd lura; (iii) f’każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġuni tajba għaliex għandha tordna t-

tħassir tal-Mandat jew ir-radd lura tal-garanzija bankarja, tordna li l-effetti tal-Mandat jibqgħu jgħoddu biss għal wieħed mill-kontijiet bankarji sekwestrati intestati lir-rikorrenti; u (iv) li, f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġuni tajba la biex tordna t-tħassir tal-Mandat u lanqas għar-radd lura tal-garanzija bankarja, torbot lill-intimata eżekutanti biex tressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimata tonqos li tressaq il-garanzija fiż-żmien lilha mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Lulju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u appuntat ir-Rikors għas-smigħ tat-18 ta' Lulju, 2007;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti Middlesea Insurance p.l.c. fit-18 ta' Lulju, 2007, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin (fosthom dik li sa dak inhar li kienet notifikata bir-rikors, kien diġa' nħareġ il-kontro-Mandat minħabba d-depożitu tal-garanzija bankarja min-naħa tal-kumpannija eżekutata) qalet li t-talbiet tar-rikorrenti eżekutata m'għandhomx jintlaqgħu;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Lulju, 2007;

Rat ix-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Settembru, 2007, li bih ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni kamerali;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) u 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju jew għat-tnaqqis tal-garanzija depożitata;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li fis-26 ta' Ġunju, 2007, il-kumpannija intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "MSI") talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-kumpannija rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "ETL") għall-ammont ta' Lm 95,146.46 in kawtela ta' danni ossija nuqqasijiet minn merkanzija u li jiffurmaw il-mertu ta' żewġ kawżi li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti. Il-Mandat kien notifikat lil ħames (5) sekwestratarji, erbgħa minnhom banek kummerċjali f'Malta. Tlieta minn dawn bagħtu jiddikjaraw li kienu żammew flejjes biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-pretensjonijiet ta' MSI fil-Mandat. Fl-4 ta' Lulju, 2007, ETL ġabet garanzija bankarja minn wieħed mill-banek sekwestratarji, u talbet il-ħruġ tal-Kontro-Mandat. It-talba tagħha ntlaqgħet dak inhar stess. Dak inhar ukoll tressaq dan ir-Rikors;

Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Dan jingħad għaliex, mill-mod kif inhu mibni r-rikors ta' ETL, jidher li dan kien qiegħed jipprospetta sitwazzjonijiet differenti. Ir-rikors tressaq biex jilħaq żewġ għanijiet: jew it-tħassir tal-Mandat kawtelatorju maħruġ kontra ETL, jew li l-garanzija bankarja tintradd lura lilha. Minħabba li, kif ingħad, fl-4 ta' Lulju, 2007, inħareġ il-Kontro-Mandat għall-imsemmi Mandat wara li ETL ressqet garanzija bankarja xierqa, jiġi li l-azzjoni ta' ETL issa hija limitata għal dak li jiddisponi l-artikolu 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għalhekk, għall-finijiet tal-**ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti** eżekutata, dan ifisser ukoll li l-firxa ta' rimedji li l-Qorti tista' tagħti hija limitata b'dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni tal-liġi. Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu. Minkejja li l-kliem tal-imsemmija dispożizzjoni jagħtu 'l wieħed x'jifhem li f'kull każ il-Mandat ikun tħassar mal-għoti tal-garanzija mill-intimat eżekutat, jidher li l-leġislatur ħaseb ukoll għas-

sitwazzjoni fejn, minkejja li tkun tressqet garanzija bħal dik, il-Mandat ma jkunx tħassar jew tħassar għal kollox;

Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il-Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala effett loġiku tat-tħassir tal-Mandat. Jidher ukoll li, sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx setax jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati;

Illi (a) **dwar jekk il-Mandat setax jinħareġ jew le**, il-kumpannija rikorrenti ETL tixli lill-MSI b'erba' ksur tal-liġi. Fl-ewwel lok, hija tixliha li naqset li titlobha tressaq sigurta' biżżejjed qabel ma għaddiet biex titlob il-ħruġ tal-Mandat [Art. 836(8)(b)]. Fit-tieni lok, tgħid li MSI ma messha qatt talbet il-ħruġ tal-Mandat ladarba taf jew kellha tkun taf li ETL hija magħrufa li l-qagħda finanzjarja tagħha m'hijiex waħda li tnissel tħassib raġonevoli li m'hijiex kapaċi tħallas dak minnha dovut jekk kemm-il darba tkun kundannata biex tagħmel dan [Art. 836(8)(ċ)]. Fit-tielet lok, tixliha li, wara li nħareġ il-Mandat, m'għamlet xejn biex teħles fondi maqbudin mingħand aktar minn sekwestratarju wieħed li jaqbżu s-somma kawtelata fil-Mandat. U, fir-raba' lok, tixliha wkoll li naqset mingħajr raġuni tajba li taċċetta "*letter of undertaking*" minn kumpannija assikuratriċi barranija li qalet li kienet lesta li tagħmel tajjeb għal kull somma li ETL kienet tkun kundannata tħallas fl-eventwalita' ta' sentenza f'dan is-sens u dan bi ksur tal-artikoli 836(1)(ċ)(e);

Illi jibda biex jingħad li l-aħħar żewġ xiljiet ma jistgħu qatt ikunu raġunijiet li bihom wieħed iqis jekk il-Mandat messux inħareġ jew le. Dan għaliex iż-żewġ raġunijiet jirreferu għal ċirkostanzi li <u>tnisslu wara li l-Mandat inħareġ</u>. Iċ-ċirkostanzi li l-liġi ssemmi biex Qorti tistħarreġ jekk

Mandat messux inħareġ jew le riedu jkunu jeżistu qabel jew fil-waqt tal-ħruġ tal-Mandat. Dan apparti l-fatt li, bit-tressiq tal-garanzija bankarja min-naħa ta' ETL, il-fondi kollha sekwestrati nħelsu mal-ħruġ tal-Kontro-Mandat, u l-wegħda magħmula mill-imsemmija "*letter of intent*" kienet sostitwita bl-imsemmija garanzija bankarja. Wieħed jista' wkoll iqanqal il-ħsieb dwar jekk wegħda ta' ħlas magħmula minn kumpannija barranija tistax titqies li hija garanzija xierqa alternativa, l-iżjed fejn tali wegħda tkun kundizzjonata[1] (bħalma jidher li kienet il-"*letter of intent*" in kwestjoni);

Illi dwar iż-żewġ xiljiet l-oħrajn jixraq li l-Qorti tistħarreġ għaliex jirreferu għal ċirkostanzi li setgħu kienu jeżistu fil-waqt li nħareġ il-Mandat. Dwar l-ewwel xilja, ETL tgħid li MSI naqset li, żmien qabel ma talbet il-ħruġ tal-Mandat, titlobha tipprovdi sigurta' biżżejjed dwar il-pretensjonijiet tagħha. Dan ma jidhirx li huwa l-każ, għaliex (minn dak li joħroġ mill-atti nfushom) il-Mandat ta' Sekwestru nħareġ lejn l-aħħar ta' Ġunju, 2007, biex, fost l-oħrajn, jikkawtela pretensjonijiet li MSI kienet ressqet b'Rikors Maħluf sa minn Jannar ta' qabel[2]. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li l-pretensjonijiet li MSI ressqet fl-imsemmija kawża ma kinux magħmulin fi żmien qabel biżżejjed kif maħsub fl-artikolu 836(8)(b) tal-Kodiċi u ma kinux ukoll jimplikaw talba għall-ħlas jew għall-għoti ta' sigurta', kif fil-fatt jidher li sar sa minn qabel ma MSI fetħet il-kawża kontra ETL[3]. Kien biss wara li nħareġ il-Mandat u minħabba f'hekk li ETL ħarġet garanzija bankarja u, f'dan il-każ ukoll, ressqet dik il-garanzija bla ħsara għall-kontestazzjoni tagħha dwar it-talbiet ta' MSI fil-kawża. Dwar it-tieni xilja, ETL tistrieħ fuq id-dikjarazzjoni li hija tinsab f'qagħda finanzjarja tajba biżżejjed li ma tagħtix lil MSI x'titħasseb jekk tkunx f'qagħda li tħallasha f'każ ta' kundanna. Il-liġi fl-artikolu 836(8)(ċ) ma titlobx biss li l-qagħda finanzjarja ta' parti debitriċi f'Mandat tkun waħda tajba, imma saħansitra li din il-qagħda finanzjarja tajba fiż-żmien tal-ħruġ tal-Mandat "kienet magħrufa sew"[4]. Kien dmir ETL li turi li dan il-fatt

[1] Ara, P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Limited***
[2] Rik. 90/07RCP
[3] Ara Dokti "FV4" u "FV5", f'paġġ. 35 u 37 tal-atti
[4] Ara, P.A. GCD **26.10.1999** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Office Technology Limited vs J.M. Supplies Ltd.***

kien magħruf lil MSI, iżda mkien fl-atti ta' dan ir-rikors ma ntwera dan, lanqas fl-affidavit imressaq minn Frans Vella[5]. Għall-kuntrarju, MSI issottomettiet li dan it-telf li għamlet tajjeb għalih ma kienx l-ewwel każ li fih insterqet jew intilfet merkanzija li dwarha kienet involuta b'xi mod l-istess ETL[6] f'medda ta' ftit xhur;

Illi, madankollu, ukoll kieku kien il-każ li xi waħda miż-żewġ xiljiet hawn imsemmija kienet minnha, dan l-iżjed li kien iwassal kien għas-sanzjoni tal-penali kontra min ikun talab il-ħruġ tal-Mandat kif maħsuba fl-artikolu 836(8), imma mhux ukoll għat-tħassir tal-istess Mandat[7];

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li kien hemm raġuni tajba għaliex il-Mandat ma messux inħareġ;

Illi (b) **dwar jekk hemmx lok għat-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata** l-Qorti tinnota li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda talba f'dan is-sens, iżda talbet biss li tkun awtorizzata li tirtiraha lura jekk jirriżulta li l-Mandat ma messux inħareġ jew jekk imissu jitħassar. Min-naħa l-oħra, l-ammont tal-garanzija jaqbel sewwasew mas-somma msemmija fil-Mandat bħala l-kreditu pretiż u mal-ispejjeż tal-Mandat innifsu, u għalhekk mad-daqqa t'għajn ma jirriżultax eċċessiv jew eżaġerat;

Illi għalhekk, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tistħarreġ jekk għandhiex tordna t-tnaqqis tal-imsemmija garanzija;

Illi (ċ) **dwar jekk il-Mandat inħariġx kontra l-liġi**, il-Qorti terġa' ssemmi r-raġunijiet li ikkunsidrat aktar qabel, u ttenni li ma kien hemm xejn mill-atti li jindika li l-Mandat inħareġ illegalment. Minbarra dan, ladarba nħareġ kontro-Mandat dwar l-istess Mandat u dan m'għadux fis-seħħ, m'huwiex il-każ li l-Qorti tipprovdi iżjed dwar it-tħassir jew revoka tiegħu, kif ikkontemplat fl-aħħar parti tal-artikolu 836(7) tal-Kodiċi;

---

[5] Paġġ. 21-31 tal-atti
[6] Ara Dokti "FV6" u "FV7", f'paġġ. 38 u 40 tal-atti
[7] Ara, P.A. RCP **7.2.2001** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.***

Illi dwar it-**tielet talba tar-rikorrenti** eżekutata, jingħad biss li ladarba nħareġ il-Kontro-Mandat m'għadx hemm lok li l-Qorti tordna li s-sekwestru jkun limitat biss għall-kont bankarju wieħed, għaliex il-Kontro-Mandat ħeles l-assi kollha sekwestrati;

Illi dwar ir-**raba' talba tar-rikorrenti** eżekutata, jingħad mill-ewwel li l-Qorti ma tistax tilqagħha, għaliex kif sewwa tisħaq il-kumpannija intimata eżekutanti, ir-rimedju maħsub fl-artikolu 838A tal-Kodiċi jgħodd biss sakemm il-Mandat kawtelatorju in kwestjoni jkun għadu fis-seħħ[8] . F'dan il-każ, il-Mandat ilu li tħassar mill-4 ta' Lulju, 2007, u għalhekk m'għadhomx jeżistu l-kundizzjonijiet biex il-Qorti timponi fuq MSI l-obbligu li jressqu l-garanzija msemmija f'dak l-artikolu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti eżekutata** billi ma hemm l-ebda raġuni tajba li jwassal lill-Qorti biex tiddikjara li l-ħruġ tal-Mandat kien wieħed kontra l-liġi;

**Tastjeni milli tqis iżjed it-tieni talba** minħabba li kull somma sekwestrata nħelset hekk kif inħareġ il-Kontro-Mandat;

**Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti eżekutata** minħabba li ma tistax tintlaqa' talba bħal dik meta l-Mandat ma jkunx għadu fis-seħħ; u

**Tordna** li l-kumpannija rikorrenti eżekutata tħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, 23 ta' Ottubru, 2007.

**< Sentenza Finali >**

[8] Ara, P.A. RCP **30.5.2002** fir-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***

---------------------------------TMIEM---------------------------------